C/2024/5758

24.9.2024

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Kawża M.11652 — OCEAN YIELD / GEOGAS / MARIGOLD / NYK / FLS JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(C/2024/5758)

1. Fis-16 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ocean Yield AS ("Ocean Yield", in-Norveġja) ikkontrollata minn KKR &Co. Inc. ("KKR", l-Istati Uniti),

— Geogas Maritime SAS ("Geogas Maritime", Franza) li tappartjeni għall-Geogas Group ("Geogas", Franza),

— Marigold ACP SARL ("Marigold", il-Lussemburgu) ikkontrollata minn Access Capital Partners Group S.A. ("Access Capital Partners", Franza),

— Nippon Yusen Kabushiki Kaisha ("NYK", il-Ġappun),

— France LNG Shipping SAS ("FLS JV", Franza).

Ocean Yield, Geogas Maritime, Marigold u NYK se jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal- Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' FLS JV kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Ocean Yield hija kumpanija proprjetarja ta' bastimenti, li għandha flotta ta' bastimenti, inklużi tankers taż-żejt u bastimenti tal-kontejners, li tikri lill-kumpaniji tat-tbaħħir. Ocean Yield hija kkontrollata minn KKR, li hija frm ta' investiment globali,

— Geogas tispeċjalizza fil-kummerċ internazzjonali u t-trasport ta' gass likwifikat miż-żejt,

— Marigold hija kumpanija azzjonarja ta' investiment li tikkoordina l-attivitajiet tal-entitajiet kollha li fihom għandha interess dirett jew indirett. Hija kkontrollat minn Access Capital Partners, maniġer tal-assi privati indipendenti.

— NYK hija fornitur ta' servizzi ta' trasport marittimu u loġistika Ġappuniżi elenkat li tispeċjalizza fit-trasport internazzjonali bil-baħar,

— FLS JV tippossjedi, tiffinanzja u timmaniġġja kummerċjalment bastimenti tal-LNG abbażi ta' arranġamenti ta' noleġġ għal żmien twil.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11652 — OCEAN YIELD / GEOGAS / MARIGOLD / NYK / FLS JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË